# L-Indiċi tal-Prezzijiet bl-Imnut (RPI): Awwissu 2026

L-Istatistika tal-Prezzijiet | Data tal-Ħruġ: **24/09/2026**

AQSAM







## Il-Punti ewlenin

- F'Awwissu 2026, ir-rata annwali tal-inflazzjoni kif imkejla mill-RPI kienet ta' 2.6 fil-mija, tnaqqis mit-2.7 fil-mija tax-xahar ta' qabel.
- Ir-rata medja ta' tnax-il xahar għal Awwissu 2026 kienet ta' 2.6 fil-mija.
- L-akbar kontribut għaż-żieda tal-inflazzjoni annwali kien ġej mill-Indiċi tal-Ikel (+0.55 punti perċentwali), filwaqt li l-kontribut waħdani li naqqas l-inflazzjoni annwali kien ġej mill-Indiċi tal-Ħwejjeġ u ż-żraben (-0.01 punti perċentwali).

---

## Il-Kummentarju

*F'Awwissu 2026, ir-rata annwali tal-inflazzjoni kif imkejla mill-RPI kienet ta' 2.6 fil-mija, tnaqqis mit-2.7 fil-mija tax-xahar ta' qabel.*

#### It-tibdil fil-prezzijiet u l-effetti tiegħu fuq l-inflazzjoni

L-ogħla rati ta' inflazzjoni annwali f'Awwissu 2026 dehru fl-Akkomodazzjoni (6.8 fil-mija) u fl-Għamara u tagħmir tad-dar (3.2 fil-mija). Min-naħa l-oħra, l-aktar rati baxxi ta' inflazzjoni annwali kienu fil-Ħwejjeġ u ż-żraben (-0.2 fil-mija) u fl-Ilma, l-elettriku, l-gass u l-fjuwils (0.0 fil-mija) (Tabelli nri 1 u 4).

**Ċart nru 1. Rati ta' inflazzjoni**




**Ċart nru 2. Ir-rati annwali tal-inflazzjoni għall-għaxar gruppi ewlenin**

*Xahar ta' riferenza – Awwissu 2026*




Noti:

1. L-Indiċi tal-Ikel jinkludi s-servizzi tar-ristoranti u t-take-aways.
2. Serje kronoloġika fid-dettall ta' dawn iċ-ċifri qiegħda f'Tabella nru 4.

L-Indiċi tal-Ikel (+0.55 punti perċentwali), l-Indiċi tal-Akkomodazzjoni (+0.54 punti perċentwali), u l-Indiċi tat-Trasport u l-komunikazzjoni (+0.34 punti perċentwali) ikkontribwixxew l-aktar għaż-żieda tal-inflazzjoni annwali. Din kienet ġejja l-aktar minn prezzijiet ogħla tat-take-aways, tal-madum, u ta' servizzi tat-trasport fuq l-art, rispettivament.

L-Indiċi tal-Ħwejjeġ u ż-żraben (-0.01 punti perċentwali) kellu kontribut li naqqas l-inflazzjoni annwali, l-aktar minħabba prezzijiet aktar baxxi tal-ħwejjeġ (Ċart nru 3, Tabella nru 5).

**Ċart nru 3. Il-kontribut tal-għaxar gruppi għar-rata annwali tal-inflazzjoni**

*Xahar ta' riferenza – Awwissu 2026*




Noti:

1. L-Indiċi tal-Ikel jinkludi s-servizzi tar-ristoranti u t-take-aways.
2. Punt perċentwali huwa d-differenza aritmetika bejn żewġ persentaġġi.
3. Serje kronoloġika fid-dettall ta' dawn iċ-ċifri qiegħda f'Tabella nru 5.

#### L-aggregati

F'Awwissu 2026, l-Indiċi tal-Akkomodazzjoni kellu l-ogħla rata annwali ta' inflazzjoni b'6.8 fil-mija, li minnha l-Kera rreġistrat rata annwali ta' 3.5 fil-mija, il-Materjal għall-manutenzjoni tad-dar irreġistra rata annwali ta' 8.0 fil-mija u s-Servizzi tal-manutenzjoni tad-dar irreġistraw rata annwali ta' 6.7 fil-mija.

L-Indiċi tal-Ħwejjeġ u ż-żraben kellu l-aktar rata baxxa ta' inflazzjoni annwali b'-0.2 fil-mija, li minnha l-Ħwejjeġ irreġistraw rata annwali ta' -1.1 fil-mija u ż-Żraben irreġistraw rata annwali ta' 4.0 fil-mija (Tabelli nri 1 u 3).

---

Din l-istqarrija tiffoka fuq ċifri fil-livell ta' gruppi biss.

### L-Istatistika tal-Prezzijiet

**Stqarrijiet tal-Aħbarijiet Oħra**

- L-Indiċi Armonizzat tal-Prezzijiet għall-Konsumatur (HICP): Awwissu 2026
- L-Indiċi tal-Prezzijiet bl-Imnut (RPI): Lulju 2026
- L-Indiċi Armonizzat tal-Prezzijiet għall-Konsumatur (HICP): Lulju 2026
- L-Indiċi tal-Prezzijiet bl-Imnut (RPI): Ġunju 2026
- L-Indiċi Armonizzat tal-Prezzijiet għall-Konsumatur (HICP): Ġunju 2026

**Temi Oħra Relatati**

Il-Proprjetà

**Għal mistoqsijiet ikkuntattja:**

prices.nso@gov.mt

**Għal aktar data, jekk jogħġbok żur:**

L-Indikaturi Magħżula